# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
(President)
ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA
ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 6**

**Rikors numru 9/19 JPG**

**Sarah Gatt**

**v.**

**Jean Pierre Gatt**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fid-9 ta' Jannar 2019 l-attriċi talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex *ai termini* tal-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ u tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha.

2. Il-konvenut wiegeb li mhemmx prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni għaliex ilhom għal aktar minn erba' snin separati *de facto*, u llum għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin. Żied li l-fatti kollha jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex qorti tilqa' t-talba għad-divorzju b'dan li m'għandux jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-proċedura.

3. B'sentenza tal-14 ta' Ottubru 2019 l-ewwel Qorti ddikjarat li l-proċeduri huma milquta minn *"difett proċedurali gravi"* u, *".... għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti fil-meritu"*. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti kien:

> *"Illi r-rikorrenti premettiet illi l-partijiet ilhom legalment separati sal-5 ta' Dicembru 2018 u dan permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta. Illi pero jirrizulta illi din is-sentenza giet appellata, kif tippremetti ir-rikorrenti stess, u ghadha sub-judice.*
>
> *"Dan iffisser illi a kuntrarju ta' dak permess mir-rikorrenti, il-partijiet ghadhom m'humiex legalment isseparati peress illi s-sentenza tal-Prim'Istanza m'ghandha l-ebda effett legali sakemm tinsab appellata u l-appell ghadu mhux deciz.*
>
> *"Il-Qorti taghraf illi l-Legislatur ppreveda istanzi fejn talba ghal divorzju tista' ssir waqt li jkun hemm proceduri pendenti ta' separazzjoni, u dan billi l-partijiet inghataw il-fakolta illi jew jitolbu li talba ghal separazzjoni tigi konvertita f'talba ghal divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F (1) jew jaghmlu talbu ad hoc ghal divorzju, li trid tigi konnessa mal-kawza ta' separazzjoni, ai termini tal-Artikolu 66F (3). Dan jistghu jaghmluh f'kull waqt tal-kawza,* ***basta qabel li l-kawza tithalla ghas-sentenza.*** *Fil-kaz odjern, il-partijiet naqsu li jipprevalixxu ruhhom minn kull opportunita moghtija lilhom sabiex jottjenu divorzju waqt, jew minflok, il-kawza ta' separazzjoni personali, qabel ma dik il-kawza thalliet ghas-sentenza, tant illi dawn il-proceduri gew ipprezentanti proprju meta l-proceduri ta' separazzjoni jinstabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.*
>
> *"Illi ghalhekk, galadarba il-partijiet m'ghadhomx fit-terminu li jipprelavixxu ruhhom mill- proceduri mahsuba fl-Artikolu 66F u peress*

*illi huma ghadhom m'humiex legalment separati, l- partijiet kellhom isegwu d-dettami tar-Regolament numru 4(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 li jipprovdi:-*

> *"Meta konjuġi tkun trid tipproċedi biex tibda kawża għas-separazzjoni personali jew divorzju kontra l-konjuġi l-ieħor jew l-oħra, dik il-parti għandha l-ewwel titlob l-awtorità li tipproċedi mill-Qorti ċivili (Diviżjoni tal- Familja) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Diviżjoni tal-Familja) skond il-każ, kull wieħed minn dawn il-qrati, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "il-Qorti", billi tippreżenta ittra, fil-każ ta' separazzjoni personali, jew billi tippreżenta rikors, fil-każ ta' divorzju, kif ikun il-każ, għal dan il-għan fir-reġistru tal-Qorti indirizzata lir-Reġistratur fejn fiha jiġi indikat kemm l-isem u l-indirizz ta' min ikun qed jippreżenta l-ittra kif ukoll dawk tal-parti l-oħra u jitolbu lill-Qorti tawtorizza lilha jew lilu biex jipproċedu."*

*"Barra minn hekk, skont l-Artikolu 66G (2) (a) f'kaz fejn il-partijiet ikunu ghadhom m'humiex legalment separati, l-avukat tar-rikorrent ghandu l-obbligu illi jipprezenta nota fejn jikkonferma illi huwa osserva l-htigijiet tal-Artikolu 66G (1) mar-rikors promotur, jew sa l-ewwel smiegh tal-kawza. Minn ezami tal-atti ma jirrizultax illi din in-nota giet prezentata".*

4. Fit-30 ta' Ottubru 2019 l-attriċi appellat mis-sentenza filwaqt li fil-31 ta' Jannar 2020 il-konvenut wieġeb. Il-partijiet qegħdin jaqblu li s-sentenza tal-ewwel Qorti għandha titħassar peress li meta ngħatat is-sentenza (14 ta' Ottubru 2019), il-kawża ta' separazzjoni (**Jean Pierre Gatt v. Sarah Gatt** , 283/2014/2) kienet *res judicata* għal dak li jikkonċerna min mill-partijiet kien responsabbli għall-firda.

5. Fl-aggravju l-attriċi argumentat:

*"Illi għaldaqstant l-appell sar biss minħabba nuqqas ta' qbil fuq l-assenjament tad-dejn li kellhom il-partijiet bejniethom – kwistjoni relatata mal-komunjoni tal-akkwisti. Illi fir-rigward tal-kumplament tad-deċiżjoni u ċioe, fejn l-ewwel qorti laqgħet it-talba għal pronunzjament ta' separazzjoni personali tal-partijiet u li r-rikorrenti ddekadiet minn kull jedd li titlob u/jew tirċievi manteniment ma sar l-ebda appell jew appell inċidentali dwarhom. B'hekk it-talba tas-separazzjoni hija llum res judicata u mhemmx appell minnu, bir-riżultat li l-Qorti tal-Appell mhi ser tippronunzja ruħha fuq din il-kwistjoni. Illi l-parti tas-sentenza ta'*

*separazzjoni personali li għandha sub judice hija rigward dawn iż-żewġ aggravji rigwardanti d-dejn”*.

6. Jirriżulta li b’sentenza tal-5 ta’ Diċembru 2018 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawża **Jean Pierre Gatt v. Sarah Gatt** (283/2014) lagħet it-talba tal-attur u ppronunzjat is-separazzjoni bejn il-partijiet għall-ħtijiet imputabbli esklussivament lill-mara.

7. Hu minnu li minn dik is-sentenza appella Jean Pierre Gatt, u li qiegħed jiġi deċiż illum. Pero` hu evidenti li l-qorti tal-ewwel grad ma ratx ir-rikors tal-appell li ppreżenta l-konvenut fil-kawża ta’ separazzjoni (283/2014/2). Appell li sar biss fuq dik il-parti tas-sentenza li:

i. ordnat illi kwalsiasi dejn ikkontrattat mill-partijiet flimkien jew separatament, kif ukoll ikkuntrattat minn Phonic Limited (C-35863) iżda mħallas unikament minn xi wieħed mill-partijiet jew garantit minn xi ħadd mill-partijiet, ikun ir-responsabilita` taż-żewġ partijiet b’mod ugwali; u

ii. ċaħdet is-sitt talba tiegħu sabiex jiġi eżentat milli jkun responsabbli għal dejn li l-konvenuta għandha jew jista’ jkollha.

8. Fil-fatt it-talba fir-rikors tal-appell taqra:

*“Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi prodotti u dawk produċibbli skont il-liġi, u jirriżerva li jagħmel*

> *sottomissjonijiet ulterjuri skont il-liġi, umilment jinterponi dan l-appell mis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datata 5 ta' Diċembru 2018 fl-ismijiet Jean Pierre Gatt vs Sarah Gatt (Rikors ġuramentat numru 283/14) u umilment jitlob lil din l-Onorabblih Qorti jogħġobha tilqa' dan l-umli appell u tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza fil-parti rigwardanti l-ewwel, it-tieni u l-ħames deċide, ttgħaddi biex (i) tirriforma s-sentenza f'dik il-parti tar-raba' deċide fejn ġie ordnat li kwalsiasi dejn ikkontrattat mill-partijiet flimkien jew separatament, kif ukoll ikkuntrattat minn Phonic Limited (C-35863) iżda mħallas unikament minn xi wieħed mill-partijiet jew garantit minn xi ħadd mill-partijiet, bejn id-data taż-żwieġ tagħhom, sal-preżenti, tkun ir-responsabbilta' taż-żewġ partijiet b'mod ugwali u minflok tordna li kwalsiasi dejn ikkontrattat minn waħda mill-partijiet għandha tagħmel tagħmel għalih dik il-parti; u kif ukoll (ii) tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet is-sitt talba u minflok tilqa' s-sitt talba, u għalhekk tgħaddi biex tilqa' l-aggravji tal-attur appellant".*

9. Mis-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2018 l-appellata m'appellatx u anzi fit-tweġiba li ppreżentat qalet li s-sentenza għandha tkun ikkonfermata.

10. Għalhekk dik il-parti tas-sentenza li ddeċidiet dwar il-firda, hi *res judicata*.

11. L-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

> *"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħliefflimkien mas-sentenza finali.*
>
> "..........
>
> *"(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret **talba għas-separazzjoni** skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-*

*separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ,għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet".*

12. Fil-każ in eżami t-talba għad-divorzju saret żmien wara li t-talba għas-separazzjoni ġiet deċiża u s-sentenza saret ġudikat. Għalhekk dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għall-każ in eżami.

13. F'dan il-każ hu ċar li l-partijiet qegħdin jaqblu li ż-żwieġ tagħhom jinħall. F'dan is-sens hu r-rikors promotur li ppreżentat l-attriċi (9 ta' Jannar 2019) u t-tweġiba li ppreżenta l-konvenut (8 ta' April 2019).[1]

14. Kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, għal dan il-każ regolament numru 4(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20 ma japplikax. Fil-fatt l-Artikolu 66I tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

> *"(1) Fejn issir talba għad-divorzju lill-qorti ċivili kompetenti minn wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew miż-żewġ miżżewġin li jkunu qablu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul,* ***u fejn l-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti****, qabel ma l-qorti tagħti l-awtorizzazzjoni biex il-miżżewġinjipproċedu għad-divorzju,* ***il-qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet sabiex jidhru quddiem medjatur*** *li jkun jew maħtur minnha jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet u dan* ***bil-għan li jsir tentattiv ta' rikonċiljazzjoni*** *bejn il-miżżewġin, u fejn dik ir-rikonċiljazzjoni ma sseħħx, u fejn dawn ma jkunux diġà qablu bejniethom dwar il-pattijiet tad-divorzju, bil-għan li jgħin lill-partijiet biex jaslu għad-divorzju fuq bażi ta' qbil."*

15. Il-proċedura kontemplata f'regolament 4(1) hi proprju sabiex biha jibda l-proċess li fl-ewwel stadju ssir il-proċedura ta' medjazzjoni fejn il-

[1] Fil-fatt l-aħħar paragrafu tat-tweġiba jaqra: *"Għaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u fl-istess waqt jordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku"*.

partijiet jiltaqgħu quddiem medjatur u f'dak l-istadju jsir tentattiv sabiex il-partijiet jirrikonċiljaw.

16. Pero` mill-Artikolu 66I tal-Kodiċi Ċivili hu ċar li l-ħtieġa li l-partijiet jidhru quddiem medjatur hu biss fejn il-miżżewġin *"ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti"*. Fil-każ in eżami l-konjuġi Gatt huma separati b'sentenza tal-qorti li saret ġudikat hekk kif għaddew għoxrin jum mill-5 ta' Diċembru 2018, li hi d-data li ngħatat is-sentenza ta' separazzjoni mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa sabiex l-attriċi tipproċedi skont il-proċedura kontemplata f'regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-attriċi u tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-14 ta' Ottubru 2019 u tibgħat l-atti lura sabiex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tiddeċiedi t-talba fil-meritu.

Spejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm